**A H1N1 - Jibdew jitlaqqmu t-tfal**

Is-Segretarjat Parlamentari għall-Anzjani u Kura fil-Komunita' jħabbar li l-proċess ta' tilqim kontra l-Influwenza A H1N1 baqa għaddej u se jimxi għall fażi li jmiss.

B'seħħ minn għada, il-Ħamis 14 ta' Jannar, se jkunu jistgħu jitlaqqmu wkoll tfal li għandhom minn 6 xhur sa 5 snin.

Tfal ta' din l'eta huma meqjusa bħala il-grupp l-aktar vulnerabbli li jmiss. Għaldaqstant il-ġenituri huma mħeġġa biex imorru f'xi Ċentru tas-Saħħa jew l-isptar Ġenerali t'Għawdex biex ilaqqmu lit-tfal.

Il-Ħinijiet li fihom jista' jitlaqqam kull min hu eliġibbli issa huma:

| | |
|---|---|
| Mit-Tnejn Sas-Sibt - | Mill 10 ta' filgħodu sas 1 ta' wara nofsinhar<br>Mit 3 ta' wara nofsinhar sas 7 ta' filgħaxija |
| Sptar Ġenerali Għawdex - | Mit 8 ta' filgħodu sas 1 ta' wara nofsnihar |

Huwa importanti li t-tfal ikunu akkumpanjati minn ġenitur. Jekk dan mhux possibli, min jakkumpanja lit-tfal irid jieħu nota miktuba minn-ġenitur u kopja tal-karta tal-identita' ta' ġenitur. Trid tiġi ppreżentata wkoll il-karta jew ktieb tat-tilqim (*Immunisation Record Card*).

Sal-bieraħ filgħaxija kienu tlaqqmu total ta' 46,928 persuna.